MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 6/2008

**Dilek Sahan, Serif Ali Sahan, Serdar Sahan**

***kontra***

**1. Ministru tal-Gustizzja u l-Intern**
**2. Ufficjal Gholi tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-17 ta` Jannar 2008 li jaqra hekk –

*(i) Illi l-esponenti li huma ahwa u ta` nazzjonalita` Turka, waslu Malta mit-Turkija, fl-2002 ;*

*(ii) Illi l-esponenti kienu gew Malta peress li kienu persegwitati mill-awtoritajiet tal-pajjiz taghhom it-Turkija u dana minhabba l-origini Kurda taghhom kif ukoll minhabba l-fatt li l-familja taghhom hija maghrufa li hija Kurda, u sabiex jevitaw aktar repressjoni kontra taghhom mill-awtoritajiet fit-Turkija ;*

*(iii) Illi l-esponenti jappartjenu ghall-organizzazjonijiet tal-Kurdi. Ir-rikorrent Dilek Sahan kien jahdem ma` organizazzjoni ghall-protezzjoni tad-drittijiet umani tal-Kurdi. L-ghanijiet fi hdan dawn l-organizazzjonijiet jinkludu ghajnuna lil familji li l-membri taghhom ikunu gew maqtula jew ghebu. Minhabba f`din l-ghajnuna li kienu joffru, l-awtoritajiet Torok kienu jsegwu l-movimenti taghhom ;*

*(iv) Illi whud mill-membri tal-familja taghhom kienu gew soggettati ghal tortura, detenzjoni arbitrarja, u habs minhabba l-origini Kurda taghhom u kif ukoll minhabba l-konnessjonijiet taghhom mal-organizazzjonijiet imsemmija, liema organizazzjonijiet jipprovdu ghajnuna lill-familji li jkunu tilfu membru jew membri f`xi kunflitt bejn il-forzi tas-sigurta` Torok u l-poplu Kurd. Di fatti, il-familjari tal-esponenti kellhom diversi konnessjonijiet ma` organizzazzjoni politika tal-poplu Kurd, bl-isem ta` P.K.K. ;*

*(v) Illi l-esponent Serif Ali rrifjuta l-lieva fil-pajjiz tieghu peress li ma xtaqx illi jidhol fi gwerra kontra hutu l-Kurdi u peress ukoll li numru konsiderevoli ta` Kurdi li kienu gew imgieghla biex jinghaqdu mal-armata Torka sfaw maqtula f`taqtigha bl-armi ;*

*(vi) Illi l-familjari tal-esponenti ghaddew minn incidenti koroh taht l-awtoritajiet Torok. Zit l-esponenti*

*Zeynep Koper ghaddiet minn esperjenza qarsa meta f`Gunju 2000 suldati Torok kienu dahlu f`darha gewwa Sevdilli, fejn akkuzawha li kienet tat l-ghajnuna taghha lil P.K.K. Koper giet imsawta bl-ahrax u l-maggor parti tal-proprjeta` taghha giet distrutta. Peress li insistiet li ma tieqafx toffri s-support taghha lil P.K.K., sussegwentement giet arrestata diversi drabi u ghal habta ta` Settembru 2003 grupp ta` ufficjali tas-sigurta` Torok attakkawha gewwa darha, insulentawha, heddewha u spiccaw biex stuprawha. Wara dan l-incident, Koper giet kostretta li thalli l-pajjiz taghha. Bl-istess mod, oht l-esponenti Rukiye Sahan u zithom ohra Hanim Koper gew arrestati gewwa t-Turkija minhabba t-twemmin politiku taghhom u jinstabu prezentement detentuti gewwa habs fit-Turkija ;*

*(vii) Illi kemm-il darba l-esponenti jigu obbigati jirritornaw gewwa l-pajjiz taghhom, huma ser jigu soggetti ghal persekuzzjoni, u hemm prospett ragjonevoli li jigu arrestati u torturati in kwantu harbu mit-Turkija u taw s-support taghhom lill-organizazzjoni politika bl-isem P.K.K. Infatti, l-awtoritajiet Torok huwa konsapevoli tal-fatt li l-esponenti jifformaw parti mill-poplu Kurd u jafu x`inhuwa t-twemmin politiku ta` l-esponenti ;*

*(viii) Illi l-esponenti Dilek Sahan waslet Malta f`Awwissu 2002 pero` kellha tirritorna lura lejn it-Turkija peress li ommha kienet marida serjament. Wara li dahlet lura f`pajjizha, Sahan gie segwita mill-awtoritajiet u gie mhedda minhabba l-attivitajiet taghha konsistenti fil-promozzjoni tad-drittijiet umani tal-poplu Kurd gewwa t-Turkija u ghaldaqstant kellha terga` titlaq minn pajjizha u tissetilja gewwa Malta ;*

*(ix) Illi Malta hija firmatarja tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refugjati tal-1951, liema Konvenzjoni fl-artikoli 32 and 33 toffri protezzjoni lil persuni f`cirkostanzi simili ghal dawk li l-esponenti sabu ruhhom fihom liema protezzjoni pero` ma nghatawx gewwa Malta ;*

*(x) Illi l-istat ta` Malta ma gie moghti ebda garanzija mill-awtoritajiet Torok li l-esponenti mhumiex ser jigi persegwitati jekk jithallew jirritornaw fit-Turkija, jew li ser jigu trattati b`mod xieraq u mhux degradanti ghad-dinjita` taghhom bhala persuni, u li jithallew jghixu hajja normali fis-sigurta` tad-djar taghhom. Ma hemm ebda garanzija li l-esponenti mhumiex ser isofru pregudizzju serju gewwa t-Turkija ;*

*(xi) Illi ghaldaqstant l-esponent qed isofru minn ansjeta` serja u minn incertezza sal-grad tal-intollerabli rigwardanti s-sigurta` futura taghhom jekk kellhom jigu obbligati jirritornaw lejn it-Turkija, fejn il-poplu Kurd jghix taht theddida serja ;*

*(xii) Illi t-tnehhija tal-esponenti minn Malta u r-ritorn taghhom gewwa t-Turkija jista` jwassal ghal qtil jew l-ghibien ta` wiehed jew wahda minnhom jew ta` kollha. F`kaz li jirritornaw lura lejn pajjizhom, hajjet l-esponenti ser tkun f`perikolu manifest u jezisti prospett konkret ta` qtil jew theddida serja ghad-dritt taghhom ghal hajja bi vjolazzjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta` Malta* (“Il-Kostituzzjoni”) *u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem* (“Il-Konvenzjoni”) *liema Konvenzjoni tifforma parti mil-ligi taghna permezz tal-Att IV tal-1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*(xiii) Illi t-tnehhija tal-esponenti minn Malta u r-ritorn forzat taghhom lejn it-Turkija jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fit-termini tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*(xiv) Illi peress ukoll li uhud mill-membri tal-familja taghha illum jghixu Malta fejn nghataw l-istatus ta` refugjati, l-esponent ser konsegwentement isofri vjolazzjoni taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-*

*Drittijiet tal-Bniedem in kwantu ser jigu mifruda mill-bqija tal-familja u dana minhabba s-sitwazzjoni gravi li tesizti gewwa t-Turkija ;*

*(xv) Illi barra minn hekk, id-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq kif stipulat fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie lez mill-Bord tal-Appell tar-Refugjati quddiem liema Bord l-esponenti ikkontestaw id-decizjoni ghad-deportazzjoni taghhom mittiehda mill-Kummissarju tar-Refugjati.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-istruzzjonijiet u tipprovdi ghal dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa sabiex jigu protetti u enforzati d-drittijiet fundamentali taghhom fuq riferiti inkluz is-segwenti –*

*a. Dikjarazzjoni li, in kwantu jezisti prospett ragjonevoli li l-hajja tal-esponenti ser tkun f`perikolu manifest fl-eventwalita li l-esponenti jirritornaw lura lejn it-Turkija, it-tnehhija forzata taghhom minn Malta u r-ritorn forzat lejn it-Turkija jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet tal-hajja, tal-protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti u tal-hajja tal-familja tal-esponenti ;*

*b. Dikjarazzjoni li d-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq gie lez mill-Bord tal-Appelli tar-Refugjati, bl-ispejjez kontra l-intimati.*

Rat ir-risposta tal-intimati li kienet prezentata fl-<u>1 ta` Frar 2008</u> li taqra hekk –

*Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi t-tnehhija forzata tar-rikorrenti minn Malta u r-ritorn forzat lejn it-Turkija allegatament jikkostitwixxu lezjoni tad-*

*drittijiet tal-hajja (Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem), tal-protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti (Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem), tal-hajja tal-familja tar-rikorrenti (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem) u dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq allegatament lez mill-Bord ta` l-Appelli tar-Refugjati (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem).*

*Illi l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti –*

*Illi l-proceduri odjerni gew istitwiti b`abbuz tal-process gudizzjarju u bl-iskop uniku li jtawwlu l-process ta` deportazzjoni tar-rikorrenti minn Malta. Dan huwa t-tieni tentattiv tar-rikorrenti permezz ta` proceduri straordinarji li jwaqqfu lill-esponenti milli jwettqu dmirijiethom skond il-ligi. Fil-fatt ir-rikorrenti kienu diga` fethu kawza kostituzzjonali ohra bazata fuq l-istess allegazzjonijiet fl-ismijiet "Sahan Dilek et vs Minister of Justice and Home Affairs et" (Rik Nru 25/07) liema proceduri gew volontarjament ceduti mill-istess rikorrenti f`Gunju 2007 ;*

*Illi allegazzjonijiet bhal dawk imressqa mir-rikorrenti odjerni (ez li hajjithom tkun fil-periklu jekk jirritonaw lura t-Turkija) huma nvestigati a tenur tal-Att dwar ir-Refugjati mill-Kummissarju ghar-Refugjati li jintervista fit-tul u b`mod ezawrjenti lill-persuni li jkunu applikaw ghal status ta` refugjat u jezamina l-allegazzjonjiet skrupolozament u fid-dettal. Id-decizjoni tal-Kummissarju ghar-Refugjati hija sussegwentement suggetta ghal appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati kompost minn Chairman u zewg avukati li ghandhom esperjenza vasta f`materji li jikkoncernaw lir-refugjati ;*

*Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti diga` gew michuda bhala nfondati kemm mill-Kummissarju ghar-Refugjati kif ukoll mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati li wara kollox huma l-awtoritajiet kompetenti f`dawn il-kwistjonijiet. Ma hemm ebda evidenza li tissostanzja t-talbiet tar-rikorrenti bhala fondati, lanqas fuq bazi 'prima facie' quddiem din l-Onorabbli Qorti. Ghall-kuntarju, l-fatt innifsu li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti gew meqjusa bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt mill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-ligi dwar ir-refugjati timmilita kontra r-rikorrenti fis-sens li lanqas quddiem din l-Onorabbli Qorti m`ghandhom jintlaqghu l-allegazzjonijiet u t-talbiet taghhom. Altrimenti tkun qed tigi stultifikata d-decizjoni tal-awtoritajiet kompetenti minghajr ma l-applikanti jkunu wrew b`ebda mod li d-decizjoni tal-istess awtoritajiet kienet wahda difettuza ;*

*Illi fid-dawl tal-proceduri legali disponibbli a tenur tal-Att dwar ir-Refugjati jidher car ghalhekk li r-rikorrenti kellhom mezzi adegwati u effikaci sabiex iressqu l-ilmenti dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, kif fil-fatt ghamlu. Il-fatt li l-ezitu kien wiehed negattiv fil-konfront tar-rikorrenti ma jnaqqas xejn mill-effikacja tal-istess rimedji. Isegwi ghalhekk li* ***in linea preliminari*** *din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u a tenur tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta.*

***Ebda ksur ta` l-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta` l-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni***

*Illi kif diga` gie rilevat fis-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar perikolu ghal hajjithom u dwar allegat trattament inuman u degradanti gewwa pajjizhom diga` gew ezaminati b`mod ezawrjenti u michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt mill-awtoritajiet kompetenti ;*

*Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suepsost it-Turkija hija Stat li jgawdi minn Kostituzzjoni demokratika u huwa Membru tal-Kunsill ta` l-Ewropa (Article 2 of the Constitution of Turkey states that "The Republic of Turkey is a democratic, secular and social State based on the rule of law and is respectful of human rights in a spirit of social peace, national solidarity and justice …" and Article 10 states that "All individuals shall be equal before the law without any distinction based on language, race, colour, sex, political opinion, philosophical belief, religion, membership of a religious sect or other similar grounds … State bodies and administrative authorities shall act in compliance with the principle of equality before the law in all circumstances …".) illi iffirma u irritifika l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk ghandu l-obbligu internazzjonali li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem illi huma garantiti bil-Konvenzjoni. Il-harsien ta` dawn l-obbligi hija soggetta ghall-monitoragg tal-Kunsill ta` l-Ewropa ;*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta` dawn l-Artikoli.*

***<u>Ebda ksur ta` l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>***

*Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrenti qed jilmentaw li bid-deportazzjoni taghhom huma ser isofru ksur ta` drittijiet taht l-Artikolu 8, jigi rilevat illi kwistjonijet li jirrigwardaw talba ghal status ta` refugjat huma fi kwalunkwe kaz kwistjonijiet ta` dritt pubbliku u m`humhiex drittijiet li johorgu mill-Konvenzjoni u ghalhekk l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni huwa fl-ewwel lok inapplikabbli ghal kaz odjern ;*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-obbligu ta` l-Istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi*

*persuna li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f`gurisdizzjoni partikolari ;*

*Illi l-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma tipprotegi d-dritt ta` persuna li tghix fi Stat Membru partikolari. B`hekk ir-rikorrenti m`ghandhom ebda raguni valida taht il-Konvenzjoni sabiex jippretendu dritt ta` "family life" hawn Malta ;*

*Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost anke kieku (kontra kull aspettativa tal-esponenti) kellu jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li hemm xi interferenza fir-rispett lejn il-hajja familjari tar-rikorrenti, xorta din l-interferenza hija gustifikabbli a tenur tal-Artikolu 8(2) kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*In vista tas-suespost m`hemm ebda ksur ta` dan l-Artikolu.*

***<u>Ebda ksur ta` l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>***

*Illi in linea preliminari dawn l-Artikoli huma inapplikabbli stante li materja li tirrigwarda ghoti ta` status ta` refugjat hija kwistjoni ta` dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala "dritt jew obbligu civili" ghal finijiet ta` l-istess Artikoli kif jirrizulta ampjament mill-gurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma jistghux jitqiesu li kisru ebda dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti. Il-fatt illi l-proceduri in kwistjoni saru quddiem il-Kummissarju tar-Refugjati u quddiem il-Bord ta` l-Appelli dwar ir-Refugjati ma jikkostitwixxi ebda lezjoni ta` drittijiet fundamentali*

*stante li dawn huma mwaqqfa b`ligi li tissalvagwardja u tipprotegi d-drittijiet ai termini tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja ;*

*Di piu, il-kuncett ta` smigh xieraq jiddependi mill-iter preocesswali adoperat fil-kuntest tal-persuna in kwistjoni u cioe` smigh fil-prezenza tieghu, dritt li jkun rapprezentat minn avukat ecc. Ma saret ebda allegazzjoni sostanzjata mir-rikorrenti f`dan is-sens oltre l-fatt li jirrizulta b`mod car u inekwivoku li r-rikorrenti kellhom kull opportunita` illi jressqu provi u jaghmlu sottomissjonijiet li kien jidhrilhom xierqa ;*

*Illi in vista tas-suespost, m`hemm ebda ksur ta` dana l-Artikolu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-4 ta` Frar 2008 (fol 19) fejn il-kawza thalliet ghall-provi u trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat in-nota tal-intimati prezentata fl-14 ta` Marzu 2008 (fol 22) b`serje ta` dokumenti (fol 24 sa 35).

Rat id-deposizzjoni ta` r-rikorrenti Dilek Sahan (fol 38 sa 51) fl-udjenza tal-25 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-deposizzjoni ta` l-Avukat Dottor Katrine Camilleri (fol 58 sa 64) fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Ispettur tal-Pulizija Geoffrey Azzopardi (fol 67 u 68) flimkien ma` dokumenti li kienu annessi (fol 69 sa 112).

Rat id-deposizzjoni ta` Maria Teresa Galea fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 113A u 113B).

Rat in-nota tal-intimati prezentata fit-12 ta` Jannar 2009 (fol 114) b`serje ta` dokumenti (fol 115 sa 148).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Avukat Dottor Ian Spiteri Bailey (fol 152 sa 154).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta tas-17 ta` Frar 2009 (fol 155) fejn ordnat l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Sahan Dilek et vs Minister for Justice and Home Affairs et (Rikors Nru.25/07/GV).*

Rat l-atti tal-process allegat.

Semghet id-deposizzjoni ta` Maria Theresa Galea (fol 163 sa 166) fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2009.

Rat id-digriet taghha (fol 167 u 168) moghti fl-udjenza tat-2 ta` Lulju 2009 (fol 169) fejn, ghar-ragunijiet indikati, cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex ix-xhud Maria Theresa Galea tesebixxi l-files tar-*Refugee Commission* dwar il-kaz tar-rikorrenti.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Avukat Dottor Ian Spiteri Bailey fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2009 (fol 173 sa 182) u tad-19 ta` Novembru 2009 (fol 189 sa 196) flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud f`din l-udjenza tal-ahhar (fol 183 sa 186).

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Novembru 2009 (fol 187) fejn wara li l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-eccezzjoni preliminari, qablu li bil-provi li ressqu huma kienu skonfinaw fil-mertu ghalkemm mhux ghal kollox. Ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza sabiex il-partijiet iressqu wkoll il-provi li kien ghad fadlilhom dwar il-mertu.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Seref Ali Sahan (fol 198 sa 200) flimkien mad-dokumenti li kienu hemm esebiti (fol 201 sa 252).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Serdar Sahan (fol 253 sa 255) flimkien mad-dokumenti li kienu hemm esebiti (fol 256 sa 277).

Rat in-nota tar-rikorrenti prezentata fit-8 ta` April 2010 (fol 279) b`serje ta` dokumenti (fol 280 sa 289).

Rat in-nota tar-rikorrenti Dilek Sahan prezentata fl-20 ta` Mejju 2010 (fol 291) fejn iddikjarat li kienet qeghda tirtira mill-kawza.

Semghet il-kontroezami tar-rikorrent Seref Ali Sahan fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2010 (fol 293 sa 298).

Rat il-verbal ta` din l-ahhar udjenza fejn il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu (fol 292).

Rat in-nota ta` oservazzjonijiet tar-rikorrenti li kienet prezentata fit-13 ta` Lulju 2010 (fol 299 sa 309) kemm dwar l-eccezzjoni preliminari kif ukoll dwar il-mertu.

Rat in-nota responsiva tal-intimati li kienet prezentata fil-11 ta` Ottubru 2010 (fol 312 sa 326).

Rat id-dokument esebit mir-rikorrenti fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2010 (fol 328).

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-ahhar udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li ma hemmx ostakolu sabiex din il-Qorti taghti sentenza llum kemm dwar l-eccezzjoni preleminari kif ukoll dwar il-mertu.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **<u>Id-decizjonijiet dwar it-talbiet ghall-istatus ta` refugjat</u>**

Fit-tliet decizjonijiet li l-Kummissarju ta separatament bid-data tat-13 ta` Lulju 2004 fit-tliet kazi li tressqu individwalment ghall-konsiderazzjoni tieghu mit-tliet rikorrenti Sahan Dilek, Sahan Seref Ali u Sahan Serdar, huwa qal hekk (ara fol 27 et seq) –
*After carefully assessing all factors relative to the applicant`s claim, the Office of the Commissioner for*

*Refugees must conclude that this claim, as presented to it, fails to meet the criteria for recognition of refugee status and must therefore be* ***REJECTED****.*

It-tliet rikorrenti ressqu appell individwalment.

Fit-tliet decizjonijiet bid-data tat-12 ta` Settembru 2005 (ara fol 33 et seq) illi ta l-Bord tal-Appelli, inghad illi –

*The Board of Appeal whilst confirming the Refugee Commissioner`s decision, rejects your appeal on the basis that you have failed to provide evidence that you ever faced or risk facing a well founded fear of persecution according to the refugee definition in your alleged country oforigin as well as your country of habitual residence.*

*The Appeals Board confirms all other reasons motivating the Refugee Commissioner`s rejection.*

*Your appeal is therefore being unanimously decided in this manner by the Refugees Appeals Board.*

*Prima facie* fit-**test** tat-tliet decizjonijiet citati hemm biss il-konkluzjoni generali tal-Bord tal-Appelli dwar it-talba tat-tliet rikorrenti. Ma hemmx moghtija r-ragunijiet ghaliex, fil-fehma tal-Bord, il-provi prodotti ma kienux sodisfacjenti jew ghaliex il-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma kienux jinkwadraw ruhhom fid-definizzjoni legali ta` '*rifugjat*'. Irid jinghad illi, fil-paragrafu qabel tal-ahhar tad-decizjoni, il-Bord tal-Appelli kkonferma r-ragunijiet kollha moghtija mill-Kummissarju in sostenn tal-konkluzjonijiet tieghu u jsostni dawn il-konkluzjonijiet hemm il-kontenut tal-hekk maghruf bhala l-*Confidential Memo* relattiv ghal kull rikorrent..

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>L-eccezzjoni preliminari</u>

Fl-istqarrija tal-fatti esposta mir-rikorrenti hemm deskrizzjoni tal-vjaggi li ghamlu bejn it-Turkija lejn Malta u tar-ragunijiet li huma taw ghac-caqlieq minn pajjiz ghall-iehor.

Bl-eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati qeghdin jikkontendu li waqt wahda mill-mawriet taghhom f`Malta, ir-rikorrenti ressqu t-talba sabiex jinghataw status ta` refugjat <u>l-ewwel</u> quddiem il-Kummissarju tar-Refugjati (“il-Kummissarju”) li kif rajna cahad it-talba taghhom <u>u wara</u> quddiem il-Bord tal-Appell tar-Refugjati (“il-Bord tal-Appell”) li kif rajna kkonferma d-decizjoni tal-Kummissarju. Ghalhekk, ighidu l-intimati, bil-fatt illi r-rimedju legali li rrikorrew ghalih ir-rikorrenti quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appell kellu esitu sfavorevoli ghalihom ma jnaqqas xejn mill-effikacja tar-rimedju nnifsu. Ghaldaqstant ma hemmx lok li din il-Qorti tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha.

**<u>L-Art.46 tal-Kostituzzjoni</u>** jaqra hekk –

*(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta` dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x`aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim`Awla tal-Qorti Civili f`Malta tista` tahtar ad istanza ta` xi persuna li hekk tallega, tista`, bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista` ssir legalment, titlob lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*

*(2) Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta` kull wahda mid-*

*disposizzjonijiet ta` l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.*

**L-Art.4(2) tal-Kap.319** jaqra hekk –

*Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddeciedi kull talba mag]mula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.*

**Fuq il-pjan tad-dritt**, din il-Qorti tirrileva li l-possibilita` ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ghal allegat ksur ta` jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala **stat ta` fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni ta` l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta` rimedju iehor hija decizjoni fuq tali **stat ta` fatt.** Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor **effettiv** lir-rikorrent li l-Qorti tista` tiddelibera li ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f`kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda

jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-esercizzju tas-setgha taghha.

Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f`dan ir-rigward trid titwettaq b`mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex minn naha wahda, il-Qrati ta` indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b`kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

L-esistenza ta` rimedju iehor, jekk inhu l-kaz, ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur. Ma hemmx ghalfejn li, sabiex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci.

Diversi kienu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn kien determinati l-principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji, hemm li –

(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta` natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi

raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.

(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta` din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.

(d) In-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.

(e) In-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk seta` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta` haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.

(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.

(g) Meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.

Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b`mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta` drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettieq ta` dawk is-setghat.

Ghall-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ssib il-konfort ta` dawn is-sentenzi : Qorti Kostituzzjoni - 31.5.1999 –"**Zahra vs Awtorita` tal-Ippjanar"** (Kollez. Vol:LXXXIII.i.179) ; Qorti Kostituzzjonali - 27.2.2003 – "**Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar et" ;** Qorti Kostituzzjonali - 5.4.1991 – "**Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Kollez. Vol:LXXV.i.106) ; Qorti Kostituzzjonali - 7.3.1994 **–** "**Vella vs Bannister et"** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.48) ; Qorti Kostituzzjonali -12.12.2002 **– "Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 14.5.2004 – "**Axiaq vs Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku";** Qorti Kostituzzjonali – 31.10.2003 – "**Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 9.10.2001 – "**McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et"** ; Qorti Kostituzzjonali – 25.6.1999 – "**Spiteri vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et"** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201) ; Qorti Kostituzzjonali – 7.4.2000 – "**Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et"**.; Qorti Kostituzzjonali – 31.5.2000 – "**Rapa v. Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et**" **;** Qorti Kostituzzjonali – 16.1.2006 – "**Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs"** ; Qorti Kostituzzjonali – 6.1.2006 – "**Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 13.4.2007 – **"Green et v. Avukat Generali et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 7.9.2007 – **"Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 27.2.2009 **– "Xuereb et v. Direttur tax-Xogholijiet et"** ; Qorti Kostituzzjonali – 15.1.1991 – "**Balzan v. Prim Ministru et ;** Qorti Kostituzzjonali **–** 14.6.1995 **– "Briffa v.Kummissarju tal-Pulizija".**

Meta tapplika l-premess ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti tirrileva li mhuwiex kontestat li sabiex jippruvaw jottjenu l-istatus ta` refugjat, ir-rikorrenti rrikorrew ghall-procedura korretta u cioe` li jressqu t-talba taghhom quddiem il-Kummissarju. U li meta t-talba taghhom kienet respinta, irrikorrew ghall-procedura tal-appell quddiem il-Bord tal-Appelli. Mela f`dak l-istadju, jirrizulta li r-rikorrenti ezawrew ir-rimedji ordinarji kollha li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom.

Jidher evidenti li issa qeghdin jirrikorru ghall-procedura kostituzzjonali ghaliex qeghdin jikkontendu li fid-decizjoni tar-rifjut tat-talba taghhom ghal status ta` refugjat, kien hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GCD) tas-26 ta` Gunju 2009 fil-kawza "**Washimba vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et"** inghad hekk –

*ma jfissirx illi kull decizjoni ta` kull bord jew ta` kull organu iehor hija suggetta ghal stharrig gudizzjarju, u lanqas ma jfisser illi l-bord imwaqqaf taht il-ligi ma jistax jiehu decizjoni finali. Ukoll mhux kull nuqqas iwassal biex decizjoni ma tkunx tiswa. Naturalment, nuqqas li jwassal ghal ksur ta` xi dritt fundamentali ghandu jsib rimedju quddiem il-qrati … F`materja ta` procedura, il-ligi oghla trid illi ghallinqas jitharsu dawk li jitqiesu li huma principji ta` "gustizzja naturali" viz. audi alteram partem u nemo iudex in causa propria, u illi l-bord jew tribunal iehor li jiehu decizjoni dwar kwistjoni li tingieb quddiemu jkun mwaqqaf sew u jkollu s-setgha taht il-ligi li jiehu decizjoni.*

Jekk ir-rikorrenti ghandhomx ragun inkella le fl-istanza taghhom li sar ksur tal-jeddijiet fundamentali taghhom fil-procedura quddiem il-Bord tal-Appelli, wiehed ghad irid jara. Izda li din il-Qorti tiddeklina milli taghrbel il-mertu tal-istanza, kif qeghdin jippretendu l-intimati, ghaliex il-kaz tar-rikorrenti kien diga` trattat u deciz minn *forum* kompetenti skond il-ligi, huwa argument insostenibbli ghaliex jibqa` mpregudikat id-dritt ta` qorti ta` indole kostituzzjonali li tassikura ruhha li d-drittijiet fundamentali tal-individwu kienu rispettati u tutelati f`dak il-*forum* aktar u aktar meta l-individwu jkun ghazel l-ewwel, kif obbligat, il-perkors ordinarju u, meta l-istess individwu jallega, tajjeb jew hazin, li fejn kien obbligat jirrikorri sabiex iressaq l-istanza tieghu kienu lesi d-drittijiet fundamentali tieghu.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari u cioe` l-ewwel eccezzjoni tal-intimati</u>.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Il-lanjanzi tar-rikorrenti</u>**

Erbgha kienu l-lanjanzi kostituzzjonali li ressqu r-rikorrenti. Din il-Qorti sejra tqis u tiddeciedi kull wahda.

**A. <u>Ksur allegat ta` l-Art.33 tal-Kostituzzjoni u ta` l-Art.2 tal- Konvenzjoni</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin ighidu li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli li jigi rifjutat lilhom l-istatus ta` refugjat se twassal ghat-tnehhija taghhom minn Malta u bir-ritorn taghhom lejn it-Turkija *jista*` jwassal ghal qtil jew l-ghibien ta` wiehed jew wahda minnhom jew ta` kollha. Isostnu li jekk jintbaghtu lura lejn pajjizhom, hajjithom sejra tkun f`perikolu manifest. Ghalhekk jikkontendu li dik id-decizjoni tikser id-dritt taghhom ghall-hajja kif tutelat bl-Art.33 tal-Kostituzzjoni u bl-Art.2 tal-Konvenzjoni.

Mill-**<u>Art.33 tal-Kostituzzjoni</u>** dik il-parti li *tista*` tkun rilevanti fil-kwadru tal-lanjanza tar-rikorrenti hija **<u>l-ewwel subinciz</u>** li jaqra hekk –

*Hadd ma jista` jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta` qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta` Malta li tieghu jkun gie misjub hati.*

Mill-**<u>Art.2 tal-Konvenzjoni</u>** dik il-parti li *tista*` tkun rilevanti fil-kwadru tal-lanjanza tar-rikorrenti hija **<u>l-ewwel subinciz</u>** li jaqra hekk –

*Id-dritt ghall-hajja ta` kulhadd ghandu jigi protett b`ligi. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta` qorti wara li jigi misjub hati ta` delitt li dwaru tkun provduta mil-ligi din il-piena.*

Minn qari meqjus u attent taz-zewg subincizi, wiehed jintebah mill-ewwel li l-emfazi qeghda ssir fuq it-tnehhija **<u>intenzjonali</u>** tal-hajja u senjatament illi wiehed deliberatament inehhi jew jipprova jnehhi l-hajja ta` dak li jkun.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid **<u>minghajr l-icken esitazzjoni</u>** illi kienu x`kienu l-fatti jew l-allegazzjonijiet li gabu r-rikorrenti a konjizzjoni tal-Kummissarju jew tal-Bord tal-Appelli in sostenn tal-istanza taghhom ghall-ghoti ta` status ta` refugjat, bl-ebda sforz ta` l-immaginazzjoni u bl-ebda tigbid ta` l-interpretazzjoni tal-ligi ma jista` jinghad illi fid-decizjoni taghhom il-Kummissarju jew il-Bord tal-Appelli wettqu xi att jew omissjoni intenzjonalment u allura deliberatament bil-hsieb li li jpoggu l-hajja tar-rikorrenti f`perikolu – potenzjali, manifest jew xort`ohra. Ghall-fini ta` kjarezza u ta` bwon sens, din il-Qorti tghid li r-rikorrenti ma ghamlu l-ebda allegazzjoni specifika f`dan is-sens fil-konfront tal-awtoritajiet kompetenti. Fl-istess waqt, bl-allegazzjoni tar-rikorrenti li d-decizjoni tar-rifjut tal-istatus ta` refugjat *tista`* tesponi l-hajja taghhom ghal riskju jew periklu bla bzonn, din il-Qorti tghid li thassib bhal dak tar-rikorrenti ma jsibx il-konfort desiderat la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni.

<u>***Anke*** **ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti ghal allegat ksur ta` l-Art.33 tal-Kostituzzjoni u ta` l-Art.2 tal-Konvenzjoni qeghda tkun michuda.**</u>

**B. <u>Ksur allegat tal-Art.36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.3 tal- Konvenzjoni</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin ighidu li t-tnehhija taghhom minn Malta u allura r-ritorn forzat taghhom lejn it-Turkija jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti.

Mill-**Art.36 tal-Kostituzzjoni** dik il-parti li *tista`* tkun rilevanti fil-kwadru tal-lanjanza tar-rikorrenti hija **l-ewwel subinciz** li jaqra hekk –

*Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

***Kwazi*** ghal kollox bhall-Art.36 tal-Kostituzzjoni, **l-Art.3 tal-Konvenzjoni** jaqra hekk –

*Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Din il-Qorti tghid li abbazi tal-provi (mhux ta` l-allegazzjonijiet) li ressqu r-rikorrenti fil-procedura tal-lum, ma jirrizultax sal-grad rikjest mil-ligi li t-tnehhija taghhom minn Malta u r-ritorn forzat taghhom lejn it-Turkija *ut sic* jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti.

Kif josserva **Facett** f`pagna 42 tal-ktieb tieghu *The Application of the European Convention on Human Rights* - Edizzjoni 1987 –

*Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence.*

Kif josserva **Sieghart** f`pagna 167 tal-ktieb tieghu *The International Law of Human Rights* – Edizzjoni 1983 –

*In Denmark et al v. Greece E.U.C.M (European Commission of Human Rights) stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatments as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable …*

*Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of the minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (**Ireland v. United Kingdom** (53-10-71) judgment, 2EHRR 25'. 5.10.*

Dwar x`tifsira ghandha l-espressjoni *trattament inuman u degradanti* hemm l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza ***Ireland v. United Kingdom*** tat-18 ta` Jannar 1978 fejn inghad li jkun hemm *trattament inuman* meta jkun hemm "*the infliction of intense physical or mental suffering*" filwaqt li *trattament degradanti* jinkludi "*treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance*".

Fl-hekk maghruf bhala ***The Greek Case*** il-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet irrilevat li –

*The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable ... Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliated him before others of derives him to act against his will or conscience*.

It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u jkun premeditat sabiex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – (ara s-sentenza tad-9 ta` Gunju 1998 fil-kawza "**Tekin v. Turkey**").

Ghar-rigward ta` trattament degredanti, generalment, dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. In linea generali, ma hemm propju xejn kontra l-ligi li ghal ragunijiet ta` sigurta` jew ta` prevenzjoni ta` reati, l-awtoritajiet kompetenti jgibu fis-sehh mizuri li permezz taghhom persuna tkun sorveljata. Jekk isir hekk, bl-ebda mod dak ma jfisser li l-persuna tkun qeghda tigi assoggettata ghal tortura jew ghal trattament inuman jew degradanti.

Fil-kawza "**Peers vs Greece**", deciza fid-19 ta` April 2001, il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –

*The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative ; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Ranninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, 55).*

*...*

*In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. The United Kingdom [GC], no. 24888/94, 71, ECHR 1999-IX)".*

Fid-decizjoni tal-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza "**Yancov v. Bulgaria**" il-Qorti ta` Strasbourg qalet hekk –

*In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, 101, ECHR 2002-VI).*

*Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. The United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures*
*depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the*

*execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unvoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, 93-94, ECHR 2000-XI)".*

Fil-kaz tal-lum, u fl-isfond tal-premess, din il-Qorti ma tistax issib prova li fil-konfront tar-rikorrenti (mhux ta` haddiehor) qatt irrizulta li kien hemm xi ghamla ta` se*vere suffering* jew agir umiljanti da parti tal-awtoritajiet governattivi Torok jew agir umiljanti fil-konfront taghhom. Lanqas ma rrizulta li d-dinjita` tar-rikorrenti bhala bnedmin kienet menomata. Kif lanqas ma rrizultat il-prova ta` xi biza` fondat ta` umiljazzjoni diretta lejhom.

Din il-Qorti gharblet il-process u ma sabet l-ebda prova (ghad-differenza ta` meri allegazzjonijiet) li fuq ir-rikorrenti kien impost trattament kemm gewwa Malta kif ukoll fit-Turkija li seta` b`xi mod imbarazzahom, jew umiljahom, jew gab fix-xejn id-dinjita` taghhom bhala persuni. Lanqas ma rrizulta pruvat fl-agir tal-awtoritajiet xi element ta` premeditazzjoni. Inkella l-prova li r-rikorrenti garrbu sofferenza fisika jew mentali.

**Ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti ghal allegat ksur tal-Art.36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.3 tal-Konvenzjoni ma tistax tkun akkolta.**

## C. Allegat ksur tal-Art.8 tal-Konvenzjoni

L-argument tar-rikorrenti huwa fis-sens illi whud mill-membri tal-familja taghhom illum ighixu Malta fejn nghataw l-istatus ta` refugjati. Per konsegwenza t-tnehhija bil-forza taghhom minn Malta lejn it-Turkija sejra twassal sabiex ikunu mifruda mill-bqija tal-familja bi ksur

tal-Art.8 anke minhabba s-sitwazzjoni gravi li tesizti gewwa t-Turkija.

**<u>L-Art.8 tal-Konvenzjoni</u> jaqra hekk -**

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta` daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta` dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f`socjeta` demokratika fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta` delitti,*
*ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghallprotezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta` haddiehor.*

Fil-kawza "**<u>Dickson vs UK</u>"** tal-Qorti Ewropeja tal-4 ta` Dicembru 2007 kien inghad illi –

*The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities …*

(ara wkoll "**<u>Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija</u>"** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta` Gunju 2001 u "**<u>Gul vs Switzerland</u>**" tal-Qorti ta` Strasbourg tad-19 ta` Frar 1996).

Kull Stat ghandu dritt li jikkontrolla d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija tal-persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu (ara "**<u>Moustaquim vs</u> <u>Belgium</u>"**, 1991). Naturalment dan id-dritt ta` l-iStat irid jittiehed fid-dawl tal-hajja privata, u hawnhekk wiehed irid jara jekk tezistix hajja familjari li haqqha l-protezzjoni u jekk l-interferenza hijiex gustifikata (ara "**<u>Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et</u>**, deciza fl-4 ta` Ottubu 2004).

L-awturi Harris,O`Boyle u Warbrick fil-pagna 313 tal-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights** josservaw illi –

*It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life : it does not allow persons to claim a right to establish family life eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*.

Fid-decizjoni taghha tat-28 ta` Mejju 1985 fil-kawza ta` “**Abdulaziz, Cabalas and Balkandali vs UK”** il-Qorti ta` Strasbourg irriteniet illi l-artikolu 8 ma jipprotegix id-dritt ta` individwu li joqghod fi Stat partikolari. U kompliet illi –

*The duty imposed by article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a Contracting State to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept*
*the non-national spouses for settlement in that country.*

Fil-kawza tal-lum, din il-Qorti trid tghid li r-rikorrenti ma ppruvawx *a long and well established family life* gewwa Malta. Irrizulta li fit-Turkija ghadhom jirrisjedu l-genituri taghhom. Ma jirrizultax mill-atti li go pajjizna ffurmaw *familja* intima taghhom. Ighidu li go pajjizna hawn ighixu familjari qrib taghhom. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghalkemm fil-principju jezisti dritt ghal hekk imsejha *family life*, hemm ukoll id-dritt daqstant importanti ta` l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta` nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga` fit-territorju ta` dak l-Istat – in partikolari meta dawk il-persuni jidhlu fil-pajjiz b`mod irregolari kif jirrizulta li sehh fil-kaz tal-lum.

**<u>Skond il-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-Art.8 tal-Konvenzjoni</u>**.

**D. <u>Ksur allegat tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.6 tal- Konvenzjoni</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin ighidu li l-Bord tal-Appelli kiser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq.

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-parti **<u>rilevanti</u>** ta` l-Art.39 tal-Kostituzzjoni huwa **<u>it-tieni subinciz (2)</u>** li jaqra hekk –

*(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smighxieraq gheluq zmien ragonevoli.*

Filwaqt li l-parti **<u>rilevanti</u>** ta` l-Art.6 tal-Konvenzjoni ghall-kaz tal-lum huwa **<u>l-ewwel subinciz (1)</u>** li jaqra hekk -

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta` l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigororament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

L-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb **"Law of the European Convention on Human Rights**" - Second Edition – 2009 – Oxford - ighidu hekk - fil-pagna 201 :

*The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

Ikomplu hekk fil-pagna 202 –

*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct,* ***with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial****.* (enfasi ta` din il-Qorti)

Izjed fil-pagna 204 –

***In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.***
(enfasi ta` din il-Qorti)

Fil-pagna 224 jinghad –

*Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

Imbaghad aktar lura fil-pagna 251 –

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*.

L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** - Fourth Edition – Intersentia – 2006 jaghmlu din l-analizi :

Fil-pagna 578 –

*When is a hearing fair ? In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.*

Fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza **"Findlay v. United Kingdom"** tal-25 ta` Frar 1997 inghad hekk dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` ta` tribunal –

*(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had 'inter alia' to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*

*(b) As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect.*

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li l-fatt illi l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli kien sfavorevoli ghar-rikorrenti jew ma ssoddisfax l-aspettattivi taghhom ma jfissirx illi dak l-esitu kien hekk kuntrarju ghalihomi ghaliex ir-rikorrenti kienu b`xi mod privati milli jressqu l-kaz taghhom adegwatament quddiem l-Bord.

Jirrizulta li quddiem il-Bord ir-rikorrenti nghataw kull opportunita` li permezz tal-avukat ta` fiducja taghhom igibu ghall-konjizzjoni tal-istess Bord kull kwistjoni jew sottomissjoni li dehrilhom rilevanti ghall-accertament tal-istanza taghhom.

Din il-Qorti tirrileva li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fit-tliet kazi separati tar-rikorrenti kienet preceduta minn proceduri ta` accertament u ta` gharbiel ta` fatti u cirkostanzi.

Fl-atti tal-kawza, apparti d-decizjonijiet tal-Kummissarju u tal-Bord tal-Appelli, wiehed isib *case-summary* relattiva ghal kull rikorrent fejn dawn wasslu ghall-attenzjoni tal-Kummissarju dak kollu li huma dehrilhom li kien rilevanti sabiex iwassal sabiex tintlaqa` t-talba ghall-ghoti ta` status ta` refugjat. Ma jirrizultax li r-rikorrenti kellhom xi ilment fondat dwar l-istesura tal-*case-summary* ta` kull wiehed minnhom. Ghalkemm mhux parti mit-test tad-decizjoni tal-Kummissarju, il-*confidential memo* tal-istess Kummissarju jfisser fid-dettall ghala kienet rifjutata t-talba ghall-istatus ta` refugjat fil-kaz ta` kull wiehed minnhom.

Ir-rikorrenti jilmentaw li meta tressaq il-kaz taghhom quddiem il-Kummissarju huma kienu assistiti minn interpretu Tork li pero`, jallegaw ir-rikorrenti, ma hassewhomx komdi jfissir l-kaz taghhom fil-presenza tieghu ghaliex kienu qeghdin jibzghu li seta` jirrappurtahom lill-awtoritajiet Torok.

Din il-Qorti pero` ma tistax toqghod fuq allegazzjoni hekk gratuwita`, u fondata fuq semplici suspett mhux pruvat.

Ma jirrizultax li din ic-cirkostanza kienet senjalata lill-awtoritajiet Maltin u lanqas ma tressqet xi prova li ssostni s-suspett li r-rikorrenti kellhom dwar l-interpretu.

Ir-rikorrenti jilmentawli l-Bord ma semghahhomx. Fl-istess waqt jirrizulta li kienu assititi minn avukat ta` fiducja taghhom li ressqet <u>minghajr xkiel</u> s-sottomissjonijiet taghha ghan-nom taghhom.

Din il-Qorti qieset b`reqqa r-ragunijiet li gabu r-rikorrenti sabiex bl-istanza taghhom tal-lum jimpunjaw id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli fil-konfront taghhom. U, <u>minghajr l-icken esitazzjoni</u>, tghid li d-decizjoni tal-Bord mhijiex lesiva ghad-drittijiet tar-rikorrenti kif jinsabu tutelati mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

Waqt il-proceduri quddiem il-Bord, baqghu mharsa d-drittijiet u l-garanziji <u>kollha</u> tar-rikorrenti ghal smigh xieraq. Ir-rikorrenti ma gabux provi cari u inekwivoci li bil-proceduri quddiem il-Bord ma kienux garantiti l-i*standards* ta` gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta` *the rule of law.* Ma jirrizultax li kienu trattati hazin jew bi svantagg. Din il-Qorti tghid li fil-kaz tar-rikorrenti, il-principji tal-gustizzja naturali kienu tutelati. Per konsegwenza, **<u>din il-</u>**

**Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.6 tal-Konvenzjoni.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti Dilek Sahan wara n-nota taghha tal-20 ta` Mejju 2010 (fol 291), u filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati, qieghda tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati, u ghalhekk qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Serif Ali Sahan u Serdar Sahan, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------